# KUNSILL LOKALI MTARFA

**IS-SITT LEĠIŻLATURA**
**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL**
**LAQGĦA NUMRU 9 – IL-ĦAMIS 16 TA' SETTEMBRU 2013**
**LAQGĦA B'URĠENZA**

Il-Kunsill iltaqa' fis-Sala tal-Kunsill Lokali Mtarfa fis-7:00pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti : | Daniel John Attard | Sindku |
| | Antoine Vella | Viċi Sindku |
| | Simon Paul Fenech | Kunsillier |
| | Anthony Mifsud | Kunsillier (Skużat) |
| | Twanny Bugeja | Kunsillier (Skużat) |
| | Josette Micallef | Segretarju Eżekuttiv |

Kien hemm 3 persuni mill-pubbliku jattendu.

Is-SE infurmat li l-Kunsilliera Mifsud u Bugeja kienu infurmawha li ma setgħux jattendu għal-laqgħa.

## 1. MILITARY MTARFA 2013

1.1 Is-Sindku spjega li eżatt qabel il-laqgħa kien iltaqa' s-sottokumitat tal-attivitajiet fejn kien għamel intervisti ma' dawk li tefgħu il-kwotazzjonijiet tar-re-enactment kif ukoll tal-vetturi u l-armamenti, u anke mal-entitajiet li urew interess li jipparteċipaw.

1.2 Fir-rigward tal-kwotazzjonijiet, is-sottokumitat kien iltaqa' ma' 3 offerenti (U-Shoot, Battle Front u Malta Command) fejn kulħadd ta l-verżjoni ta' x'qed jipproponi li jagħmel u l-prezz tiegħu. Wara diskussjoni, is-sottokumitat kien qabel li jirrakkomanda li tintagħżel l-offerta ta' Malta Command minħabba li bħala parti mir-*re-enactment* dawn offrew simulazzjoni ta' *air-raid* kompleta b'ajruplan għaddej itir minn fuq l-attività, u għaldaqstant kien hemm qbil unanimu li se tidher aktar reali.

1.3 Hawnhekk il-membri tal-Kunsill li kienu preżenti qablu li jaċċettaw ir-rakkomandazzjoni tas-sottokumitat u jintagħżlu Malta Command.

1.4 Fir-rigward tal-entitajiet, l-Imtarfa Drama ma kinux aċċettaw li jgħaddu kopja tal-iscript tal-play lill-Kunsill izda kienu talbu li l-poster tagħhom ikun fuq il-poster tal-attività tal-Kunsill. Hawnhekk kien ġie ssuġġerit li minħabba li mhux possibbli li jidher poster fuq poster, il-Kunsill għandu jgħinhom fil-pubbliċità tal-play u possibbilment ipoġġi l-poster fuq il-programm li se jqassam dakinhar tal-attività.

1.5 Is-Sindku informa li d-Drama Group kienu se jieħdu sehem bir-*re-enactment* tal-Victory Kitchen, logħob tradizzjonali u *re-enactment* tal-ħajja ta' kuljum tal-Maltin f'dak iż-żmien. Se jgħidu wkoll xi taqbiliet u qed jaħsbu li se jkollhom madwar 25 attur matul il-ġurnata kollha. Għat-talba tagħhom biex ibiegħu xi drinks u ikel, il-Kunsill qabel li jistgħu jbiegħu sfineġ u bebbux u arjoli. Kien hemm qbil ukoll li għandhom jisimgħu mill-Kunsill dwar l-opportunità li jarmaw bar.

1.6 Fir-rigward tal-Imtarfa Scouts, dawn kien se jkollhom tinda tal-canvas u minnha se jbiegħu xi kotba tal-militar u xi affarijiet oħra kif ukoll *english scones*.

1.7 Il-Kunsill aċċetta wkoll il-proposta tal-Imtarfa FC li tiġi armata stand bl-ikel (fish and chips, english breakfast u bezzun biz-zalzett Malti u potato twists).

1.8 Il-Kunsill aċċetta wkoll il-proposti ta' Baden Powell Scouts li tiġi armata wirja dwar il-kwartieri tagħhom, se jġibu xi mudelli (*die cast*), u se jkollhom *radio controlled tanker* fost oħrajn.

1.9 Il-laqgħa spiċċat fit-7:55pm.

| | |
|---|---|
| **Josette Micallef** | **Daniel John Attard** |
| **Segretarju Eżekuttiv** | **Sindku** |